# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 467

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

15 ta' Diċembru 2016

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2016/C 467/01 Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva .......... 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2016/C 467/02 Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti ................................. 3

2016/C 467/03 Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni ta' approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażagħ biex jiġi skopert u żviluppat il-potenzjal taż-żgħażagħ ........................................................................................ 8

2016/C 467/04 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija bl-isport ........................................................... 12

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 467/05 Rata tal-kambju tal-euro ........................................................................................ 15

MT

2016/C 467/06 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ..... 16

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 467/07 Sejħa għal proposti EACEA/41/2016 taħt il-programm Erasmus+ — Azzjoni Ewlenija 3: Appoġġ għar-riforma tal-politika — Inizjattivi għall-innovazzjoni tal-politika — Proġetti ta' Kooperazzjoni Ewropej Li Jħarsu 'L Quddiem fl-oqsma tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ ..... 18

**L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)**

2016/C 467/08 Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali ..... 21

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Qorti tal-EFTA**

2016/C 467/09 Sentenza tal-Qorti tat-2 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża E-7/15 — Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA *vs* ir-Renju tan-Norveġja *(Nuqqas minn Stat tal-EFTA li jissodisfa l-obbligi tiegħu — Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa — Valuri ta' limitu għal ċerti inkwinanti fl-arja — Pjan tal-kwalità tal-arja)* ..... 22

2016/C 467/10 Sentenza tal-Qorti tas-27 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża E-10/15 — L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA *vs* l-Iżlanda *(Nuqqas ta' Stat EEA/EFTA li jwettaq l-obbligi tiegħu — Nuqqas li jimplimenta — id-Direttiva 2009/126/KE dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz)* ..... 23

2016/C 467/11 Sentenza tal-Qorti tas-27 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża E-11/15 — L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA vs l-Iżlanda *(Nuqqas ta' Stat EEA/EFTA li jwettaq l-obbligi tiegħu — Nuqqas li jimplimenta — id-Direttiva 2011/83/UE dwar id-drittijiet tal-konsumatur)* ..... 24

2016/C 467/12 Azzjoni mressqa fl-20 ta' Settembru 2016 minn Marine Harvest ASA kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (Kawża E-12/16) ..... 25

2016/C 467/13 Azzjoni mressqa fis-26 ta' Settembru 2016 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda (Kawża E-13/16) ..... 26

2016/C 467/14 Każ imressaq fis-26 ta' Settembru 2016 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda (Kawża E-14/16) ..... 27

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2016/C 467/15 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8204 — Barloworld South Africa/BayWa/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ........ 28

2016/C 467/16 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8325 — KKR/Hilding Anders) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ........ 29


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva

(2016/C 467/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JAGĦRAF IL-KUNTEST ĠDID TA' POLITIKA fejn:

— metodi ġodda ta' ħidma, awtomatizzazzjoni u robotizzazzjoni qed jaffettwaw it-tip ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa f'dinja dejjem aktar kompetittiva, kumplessa u multikulturali, bosta setturi ekonomiċi għaddejjin minn bidla teknoloġika u strutturali rapida, u saru meħtieġa kompetenza diġitali u ħiliet trasversali biex jingħelbu d-diskrepanzi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u biex il-persuni jkunu jistgħu jwettqu impjiegi futuri u jadattaw għalihom u għal bidliet fis-soċjetà;

— livelli baxxi ta' ħiliet bażiċi, ħiliet trasversali u kompetenza diġitali jipperikolaw l-impjegabbiltà u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà;

— fl-istess ħin, u f'livelli differenti, partijiet mill-Ewropa huma soġġetti għal fenomeni differenti, bħal perijodi twal ta' tkabbir baxx ekonomiku u fir-rata tal-impjiegi li jolqtu b'mod partikolari liż-żgħażagħ, tixjiħ demografiku, kif ukoll il-flussi migratorji akbar, livelli baxxi ta' innovazzjoni u riskji ġodda għas-sigurtà;

1. JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività [1]; JILQA' l-kontribut tagħha għall-isforzi konġunti fil-qasam tal-iżvilupp tal-ħiliet fl-Ewropa u biex jinġabru flimkien id-dinjiet tax-xogħol u tal-edukazzjoni; u JFAKKAR li l-proposti individwali taħt l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa ser jiġu eżaminati fil-korpi rispettivi tal-Kunsill;

2. JAQBEL li l-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssottolinjati minħabba l-importanza assoluta tagħhom:

   (a) il-missjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija li jħejju mhux biss għas-suq tax-xogħol, iżda wkoll li jikkontribwixxu għall-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali permezz ta' żvilupp personali aktar ġenerali tal-individwi u t-taħriġ tul il-ħajja, b'hekk iwasslu għal ċittadini kritiċi, kunfidenti, attivi u indipendenti, kapaċi jifhmu l-kumplessità tas-soċjetà moderna u mħejjija biex jiffaċċaw il-bidliet b'ritmu mgħaġġel li jseħħu fiha. Huwa importanti li wieħed imur lil hinn mill-ħtiġijiet immedjati tas-suq tax-xogħol u jiffoka wkoll fuq dawk l-aspetti tal-edukazzjoni u t-taħriġ li kapaċi jagħtu spinta lill-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-kreattività, isawru s-setturi u joħolqu impiegi u swieq ġodda, jemanċipaw lin-nies (inkluż dawk l-aktar vulnerabbli), jarrikkixxu l-ħajja demokratika, u jiżviluppaw ċittadini impenjati, attivi u ta' talent. Rigward l-avvenimenti traġiċi reċenti marbuta mar-radikalizzazzjoni f'partijiet tal-Ewropa, attenzjoni partikolari għall-kompetenzi ċiviċi, demokratiċi u interkulturali u l-ħsieb kritiku hija tassew aktar urġenti;

   (b) l-istudenti ta' kull età jeħtieġu għalliema u ħarrieġa eċċellenti biex jiżviluppaw sett wiesa' ta' kompetenzi li jeħtieġu kemm għall-ħajja kif ukoll għax-xogħol futur. L-għalliema u l-ħarrieġa jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għall-istudenti u jgħinuhom jiksbu għarfien, ħiliet u kompetenzi ta' livell ogħla u aktar rilevanti u jaqdu rwol essenzjali fl-introduzzjoni ta' metodi ġodda għall-għoti u għall-kisba tat-tagħlim. Madankollu, huma meħtieġa sforzi kontinwi u sostnuti biex jiġu attirati, appoġġati u miżmuma t-talent u l-eċċellenza fil-professjoni tat-tagħlim billi jiġi żgurat li l-għalliema u l-ħarrieġa jkollhom ambjent tax-xogħol adegwat u li huma jinżammu aġġornati bl-aħħar żviluppi u atteġġjament miftuħ għall-bidliet teknoloġiċi u soċjetali li qed iseħħu madwarhom;

[1] Dok. 10038/16.

(c) rabtiet aktar mill-qrib bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u d-dinja tax-xogħol, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, għandhom rwol kruċjali biex ikun żgurat li jiġi liberat il-potenzjal u t-talent ta' kull individwu u li dan jikkontribwixxi għall-impjegabbiltà aħjar u l-integrazzjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni attiva tiegħu fis-soċjetà; rabtiet bħal dawn jgħinu wkoll biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jibqgħu flessibbli u reattivi għall-bidliet fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Huwa wkoll importanti li jiġi promoss l-impenn ta' min iħaddem għat-tagħlim tul il-ħajja tal-impjegati;

(d) il-kisba ta' kompetenza diġitali minn età żgħira hija ta' importanza vitali, iżda jeħtieġ li l-edukazzjoni u t-taħriġ iwieġbu mhux biss għall-bżonnijiet attwali tas-suq tax-xogħol għal ħiliet tekniċi identifikati b'mod speċifiku, iżda wkoll għall-objettiv fit-tul tal-iżvilupp tal-mentalità flessibbli u l-kurżità meħtieġa biex wieħed jadatta ruħu u jikseb għarfien, ħiliet u kompetenzi ġodda, li għadhom mhux identifikati u li ser ikunu meħtieġa biex jiġi orjentat l-iżvilupp teknoloġiku tal-futur;

(e) il-miżuri deskritti fl-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa għandhom jitwettqu b'mod koerenti mal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020), peress li dan jiġbor flimkien il-forom kollha tat-tagħlim, jirrispetta b'mod sħiħ is-sussidjarjetà, joffri pjattaforma utli li sservi ta' sostenn għal-linji ta' politika tal-Istati Membri u jrawwem il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll ma' proċessi rilevanti ta' politika oħra bħas-Semestru Ewropew. L-arranġamenti għall-koordinazzjoni fil-livell Ewropew fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet u l-kwistjonijiet ta' rapportar, għandhom ikunu effiċjenti u effettivi, bi ftehim bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għandu jsir użu sħiħ mill-kompetenzi tal-Istati Membri abbażi ta' strutturi diġà eżistenti;

(f) jeħtieġ li titqies id-disponibbiltà tal-finanzjament tal-UE biex tiġi żgurata l-fattibbiltà tal-azzjonijiet miftehma fil-qafas tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa.

3. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqis din ir-Riżoluzzjoni meta tippreżenta aktar riżultati tanġibbli fil-qafas tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

### Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti

(2016/C 467/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

WAQT LI JFAKKRU fil-kuntest politiku ta' din il-kwistjoni kif deskritt fl-Anness u b'mod partikolari fid-Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni ([1]) u

WAQT LI JIRRIKONOXXU li:

— L-Unjoni Ewropea hija spazju komuni għall-bini ta' żona prospera u paċifika ta' koeżistenza u rispett għad-diversità abbażi tal-valuri u l-prinċipji komuni rikonoxxuti mill-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

— L-isfidi għall-Ewropa li ġejjin mill-atti reċenti ta' terroriżmu jenfasizzaw l-urġenza tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti ([2]). Ħafna suspettati terroristi kienu ċittadini radikalizzati tal-Unjoni Ewropea spiss imminati minn influwenzi ideoloġiċi b'motivazzjoni esterna u li jużaw mezzi teknoloġiċi b'saħħithom u akuti għar-reklutaġġ u l-inċitament flimkien ma' metodi wiċċ imb'wiċċ;

— Il-kondizzjonijiet umani u soċjali li jipprovdu kuntest li jiffavorixxi r-radikalizzazzjoni, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, huma kumplessi u multidimensjonali u jistgħu jinkludu: sens profond ta' aljenazzjoni personali u/jew kulturali, problemi reali u/jew perċepiti, ksenofobija u diskriminazzjoni, opportunitajiet limitati ta' edukazzjoni, taħriġ jew impjieg, marġinalizzazzjoni soċjali, degradazzjoni urbana u rurali, interessi ġeopolitiċi, twemmin ideoloġiku u reliġjuż imfixkel, rabtiet tal-familja mhux strutturati, trawmi personali jew kwistjonijiet marbutin mas-saħħa mentali;

— L-isfidi għall-mitigazzjoni tal-vulnerabbiltajiet sottostanti tas-soċjetà għar-radikalizzazzjoni u biex jiġu identifikati u diżattivati l-elementi ideoloġiċi li jwasslu għall-estremiżmu vjolenti, jeħtieġu alleanza transistituzzjonali fost l-atturi f'oqsma ta' politika differenti;

— Huwa kruċjali li jiġu indirizzati t-tipi kollha ta' radikalizzazzjoni li jwasslu għal estremiżmu vjolenti, irrispettivament mill-ideoloġija reliġjuża u/jew politika li ssostnihom;

JIRRIKONOXXU l-ħtieġa imperattiva għal kooperazzjoni transsettorjali, kif ukoll għal appoġġ tal-UE għall-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, biex jiġi salvagwardjat il-mod tal-għajxien tagħna u jiġu provduti opportunitajiet aħjar għaż-żgħażagħ ([3]);

JENFASIZZAW l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali involuti b'mod attiv fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, bħan-Nazzjonijiet Uniti (b'mod partikolari l-Unesco), il-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD u fora multilaterali oħra;

([1]) Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, Pariġi, 17 ta' Marzu 2015.
([2]) Filwaqt li hu rikonoxxut li mhux kull radikalizzazzjoni neċessarjament twassal għal estremiżmu vjolenti, bil-għan li d-dokument jinżamm fil-qosor, minn hawn 'il quddiem ser issir referenza għar-radikalizzazzjoni.
([3]) Id-Dikjarazzjoni ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016.

JILQGĦU l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ([1]) dwar l-appoġġ għall-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti;

*Ir-rwol ta' prevenzjoni tal-edukazzjoni u l-ħidma fost iż-żgħażagħ*

JAQBLU li l-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim formali, mhux formali u informali, jirrappreżentaw mezz b'saħħtu għall-promozzjoni ta' valuri komuni ([2]), eż. permezz tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar iċ-ċittadinanza, programmi edukattivi li jikkonċentraw fuq it-tagħlimiet li nistgħu nieħdu mill-imgħoddi u ambjent ta' tagħlim inklużiv, li jrawwem il-parteċipazzjoni, il-mobbiltà u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk pedamenti aktar b'saħħithom għas-soċjetà u l-ħajja demokratika;

JAQBLU li l-ħidma fost iż-żgħażagħ, l-isport tal-massa u l-attivitajiet kulturali jistgħu wkoll ikunu effettivi biex wieħed jilħaq liż-żgħażagħ li jkunu f'riskju ta' radikalizzazzjoni. Peress li l-ambjenti li ġejjin minnhom huma differenti, huwa essenzjali approċċ individwali;

JENFASIZZAW li huwa vitali li wieħed jindividwa imġiba allarmanti u jaġixxi għas-sinjali bikrija tar-radikalizzazzjoni, permezz ta' komunikazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha ([3]) u ħidma mill-qrib mal-ġenituri, il-pari u l-qraba;

JENFASIZZAW li filwaqt li l-ħiliet konjittivi jibqgħu essenzjali, il-kompetenzi soċjali, ċiviċi u interkulturali, il-ħiliet ta' komunikazzjoni u ta' riżoluzzjoni ta' konflitti, l-empatija, ir-responsabbiltà, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku ([4]) jeħtieġ li jiġu żviluppati bl-istess mod fil-proċess tat-tagħlim;

JAQBLU li l-għalliema, l-edukaturi ([5]) u persunal ieħor fil-qasam tat-tagħlim jeħtieġ li jkunu mħarrġa u mgħammra aħjar biex jindirizzaw id-diversità u l-ħtiġijiet ta' dawk kollha li qed jitgħallmu u li jgħaddu l-valuri komuni permezz ta' narrattivi pożittivi, esperjenzi tal-ħajja u perspettivi paċifiċi tad-dinja;

IQISU li l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni għandha tiġi appoġġata permezz ta'azzjonijiet iffinanzjati b'mod partikolari minn Erasmus+, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont 2020, Ewropa Kreattiva, Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Programm dwar id-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza u l-Fond għas-Sigurtà Interna;

*Id-dimensjoni tas-sigurtà fl-indirizzar tar-radikalizzazzjoni*

— JINNOTAW li r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti toħloq sfidi sinifikanti li jevolvu għas-sigurtà taċ-ċittadini tagħna li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod komprensiv, primarjament mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-livell lokali, iżda wkoll b'appoġġ koordinat fil-livell tal-UE f'konformità mat-Trattati;

— JINNOTAW li l-attakki terroristiċi u l-attentati ta' attakki fl-Ewropa juru li t-theddida terroristika globali saret aktar deċentralizzata, aktar kumplessa, u li ħafna drabi aktar diffiċli biex tiġi individwata, parzjalment minħabba proċess ta' radikalizzazzjoni dejjem aktar mgħaġġel;

— JIEĦDU KONT TAL-FATT li n-numru ta' dawk li jirritornaw lura pajjiżhom, inkluż, b'mod partikolari, il-ġellieda terroristi barranin li jerġgħu lura f'pajjiżhom, il-familji tagħhom u persuni minorenni, jista' jiżdied;

— JIRRIKONOXXU li rispons b'saħħtu għat-theddid transnazzjonali tar-radikalizzazzjoni minbarra l-użu ta' miżuri preventivi interni tal-UE, jeħtieġ l-implimentazzjoni rapida ta' sforzi esterni tal-UE biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha, filwaqt li wieħed jiffoka b'mod partikolari fuq il-kooperazzjoni mar-reġjun tal-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-Afrika ta' Fuq u fuq appoġġ mingħandhom;

*Il-ġlieda kontra l-propaganda terroristika u d-diskors ta' mibegħda online*

— JINNOTAW il-ħtieġa li jiġu involuti u jkun hemm kooperazzjoni mal-fornituri ta' servizzi fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online ([6]), b'rispett sħiħ għal-libertà ta' espressjoni, fid-dawl tar-rwol tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali bħala mezz ewlieni għall-immirar, is-sollecitazzjoni u l-attivazzjoni ta' persuni potenzjalment radikali biex iwettqu reati vjolenti, u JENFASIZZAW l-importanza ta' approċċ li jinvolvi lil diversi partijiet ikkonċernati ([7]);

([1]) 10466/16

([2]) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Artikolu 2.

([3]) Dok. 9640/16 - Bħal pereżempju l-għalliema, il-persunal edukattiv fl-universitajiet, ħaddiema soċjali, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, fornituri ta' servizzi għall-kura tas-saħħa, voluntiera, ġirien, coaches tal-isport, mexxejja reliġjużi u informali, uffiċjali tal-pulizija lokali.

([4]) 9641/16

([5]) Għall-finijiet ta' dan it-test it-terminu "edukatur" jirreferi għal persuni li jipprovdu tagħlim formali, non-formali u/jew informali.

([6]) Kodiċi ta' Kondotta kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online tal-31 ta' Mejju 2016 (il-Kummissjoni flimkien ma' Facebook, Twitter, YouTube u Microsoft).

([7]) F'dan il-kuntest tiġi nnotata l-proposta tal-Kummissjoni (dok. 9479/16) li testendi ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, b'mod partikolari l-projbizzjoni ta' inċitament għal vjolenza u mibegħda, għall-pjattaformi tal-iskambjar ta' filmati.

— JENFASIZZAW ir-rwol tal-Forum tal-UE dwar l-Internet fl-iżvilupp ta' mezzi li jnaqqsu l-aċċessibbiltà ta' kontenut terroristiku online u sabiex tingħata l-possibbiltà lis-sħab tas-soċjetà ċivili biex iwasslu narrattivi alternattivi online;

— JIRRIKONOXXU l-ħidma siewja li saret mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), in-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) u ċ-Ċentru ta' Eċċellenza tiegħu u l-Grupp Konsultattiv għall-Komunikazzjoni Strateġika dwar is-Sirja (SSCAT) u JENFASIZZAW l-importanza ta' konnessjoni adatta bejn l-atturi nazzjonali u dawk lokali;

— IQISU li l-inizjattivi online u offline li jippreżentaw narrattivi alternattivi, pożittivi u moderati jistgħu jkunu kruċjali fil-promozzjoni ta' rispett reċiproku u fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; JINNOTAW il-ħtieġa għal aktar evalwazzjoni u analiżi tal-impatt tal-kontronarrattivi;

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

— jinkoraġġixxu kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ, il-komunitajiet lokali, l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali, il-ġenituri, il-qraba, dawk li jaħdmu fost iż-żgħażagħ, il-voluntiera u s-soċjetà ċivili biex jissaħħu l-inklużjoni u s-sens ta' appartenenza u identità pożittiva;

— japprofondixxu l-kompetenzi tal-għalliema, l-edukaturi u persunal ieħor fil-qasam tat-tagħlim biex dawn ikunu jistgħu jagħrfu s-sinjali bikrija ta' mġiba radikalizzata u jkun jista' jkollhom "taħditiet diffiċli" ([1]), li jiftħu djalogu ma' studenti u żgħażagħ oħrajn dwar suġġetti sensittivi relatati ma' sentimenti, prinċipji u twemmin personali;

— fejn meħtieġ, jużaw l-għodod u l-materjal eżistenti jew jiżviluppaw għodod u materjal ġodda għall-għalliema, l-edukaturi u persunal ieħor fil-qasam tat-tagħlim, inkluż netwerks fejn huma jkunu jistgħu jikkondividu pariri u gwida dwar kif għandhom jiġu ttrattati każijiet diffiċli, kif ukoll hotlines li jipprovdu għajnuna liż-żgħażagħ;

— jippromwovu edukazzjoni globali u dwar iċ-ċittadinanza, kif ukoll volontarjat, biex jissaħħu l-kompetenzi soċjali, ċiviċi u interkulturali;

— jinkoraġġixxu l-edukazzjoni inklużiva ([2]) għat-tfal u ż-żgħażagħ kollha, filwaqt li jiġġieldu r-razziżmu, il-ksenofobija, il-bullying u d-diskriminazzjoni tkun xi tkun ir-raġuni;

— jindirizzaw, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE kkonċernati, l-użu tal-Internet għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u r-reklutaġġ, b'mod partikolari billi jiżviluppaw kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi, kooperazzjoni b'rabta mal-komunikazzjoni strateġika u, fejn xieraq, mal-unitajiet ta' indikazzjoni ta' kontenut fuq l-Internet (IRU), b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u f'konformità mal-obbligi skont id-dritt internazzjonali;

— jappoġġaw il-ħidma tal-Forum tal-UE dwar l-Internet u l-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu (ECTC) tal-Europol, b'mod partikolari l-ħidma mwettqa l-EU IRU;

— jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiġi promoss ir-rispett reċiproku u biex ir-reati ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u l-propaganda terroristika jiġu miġġielda permezz ta' alternattivi pożittivi għan-narrattivi u l-ideoloġiji ta' estremiżmu vjolenti kif ukoll permezz ta' kontronarrattivi għall-ideoloġiji ta' estremiżmu vjolenti;

— jużaw in-netwerks mifruxa madwar l-UE kollha biex ikomplu bl-iskambju tal-"aħjar prattiki" b'rabta mal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, bħaċ-Ċentru ta' Eċċellenza tar-RAN;

— bit-transizzjoni minn SSCAT (Grupp Konsultattiv għall-Komunikazzjoni Strateġika dwar is-Sirja) għan-Netwerk Ewropew ta' Komunikazzjoni Strateġika (ESCN), ikomplu jagħmlu użu mis-servizzi ta' konsulenza u kondiviżjoni ta' informazzjoni tal-ESCN biex jifhmu u jipprovdu rispons aħjar għar-radikalizzazzjoni u l-polarizzazzjoni f'komunitajiet Ewropej, pereżempju permezz tal-inkorporazzjoni ta' persunal fl-ESCN fi Brussell;

— ikomplu jiżviluppaw programmi ta' deradikalizzazzjoni, diżimpenn u riabilitazzjoni għall-persuni li jerġgħu lura f'pajjiżhom, inkluż b'mod partikolari l-ġellieda terroristi barranin li jerġgħu lura f'pajjiżhom, il-familji tagħhom u persuni minorenni;

([1]) RAN Manifesto for Education - Empowering Educators and Schools [mhux disponibbli bil-Malti]

([2]) Kif imsemmi fir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) (2015/C-417/04)

JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex

— f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tkompli bil-ħidma fuq sett ta' miżuri speċifiċi ([1]) bbażati fuq l-aħjar prattiki għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ biex iż-żgħażagħ jiġu megħjuna jiżviluppaw ir-reżiljenza demokratika, il-litteriżmu medjatiku, it-tolleranza, il-ħsieb kritiku u l-ħiliet marbutin mar-riżoluzzjoni tal-konflitti tagħhom;

— tippromwovi u tappoġġa t-tagħlim bejn il-pari u r-riċerka għall-għalliema, l-edukaturi, persunal ieħor fil-qasam tat-tagħlim, l-esperti, dawk li jfasslu l-politika u r-riċerkaturi, bil-għan li jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u jinkiseb fehim aħjar tal-kwistjoni tar-radikalizzazzjoni, inkluż billi jiġi żviluppat qafas ta' politika u kompendju online tal-prattiki tajba ([2]);

— fid-dawl tal-isfida urġenti u multidimensjonali ħafna tal-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontriha, torganizza konferenza għal diversi partijiet ikkonċernati ([3]) li tlaqqa' setturi differenti u partijiet ikkonċernati rilevanti (eż. mill-qasam tal-ġustizzja, l-affarijiet interni, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, l-isport, il-kultura u l-affarijiet soċjali), u ż-żgħażagħ;

— tippromwovi fehim u rispett reċiproċi fost l-istudenti u żgħażagħ oħra mill-UE u pajjiżi terzi permezz ta' skambji diretti u virtwali, bħall-estensjoni tan-netwerk eTwinning Plus għal ċerti pajjiżi magħżula tal-viċinat tal-UE u l-iskambji virtwali taż-żgħażagħ taħt Erasmus+;

— tinkoraġġixxi kuntatti diretti fost żgħażagħ li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati u bnedmin eżemplari, bħal artisti, personaġġi sportivi jew imprendituri u kwalunkwe suċċess rilevanti għaż-żgħażagħ biex dawn jiġu ispirati mill-esperjenzi fil-ħajja reali ([4]). Bħala għajnuna biex jinħolqu alternattivi pożittivi kredibbli għan-narrattivi ta' estremiżmu vjolenti, il-persuni li ġew radikalizzati fil-passat jistgħu jitkellmu dwar l-esperjenzi personali tagħhom;

— issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi, filwaqt li tilqa' l-involviment qawwi tal-industrija diġitali u s-soċjetà ċivili u l-iżvilupp ta' inizjattivi biex tkompli ssaħħaħ it-tneħħija effettiva tal-kontenut terroristiku (b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' Pjattaforma Konġunta ta' Senjalazzjoni) kif ukoll it-tixrid ta' narrattivi alternattivi, b'mod partikolari permezz tal-Programm ta' Responsabbilizzazzjoni tas-Soċjetà Ċivili li tħabbar;

— tikkonsolida l-ħidma tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali fil-promozzjoni tar-rispett reċiproku, in-nondiskriminazzjoni, il-libertajiet fundamentali u s-solidarjetà fl-UE kollha;

— tikkunsidra dawn il-konklużjonijiet meta tkun qed tħejji jew timplimenta l-azzjonijiet proposti.

---

([1]) Ħidma li għaddejja bħalissa tal-grupp ta' esperti dwar il-ħidma maż-żgħażagħ għal ċittadinanza attiva, il-prevenzjoni tal-marġinalizzazzjoni u r-radikalizzazzjoni vjolenti, kif tinsab fil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ 2016–2018 (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 1).

([2]) Skont il-mandat tal-Grupp ta' Ħidma ET2020 dwar il-Promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni.

([3]) Bħall-Konferenza ta' Livell Għoli tar-RAN dwar ir-Radikalizzazzjoni li ssir fuq bażi regolari.

([4]) In-netwerk ser jiġi amministrat lokalment mill-Aġenziji Nazzjonali Erasmus+, li ser jippermetti wkoll l-adattament għaċ-ċirkostanzi lokali.

*ANNESS*

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill IFAKKAR, b'mod partikolari, f'dan li ġej:

— L-Istrateġija tal-UE għal Kontra t-Terroriżmu (14469/4/05)

— L-Istrateġija Riveduta tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu (9956/14)

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tad-9 ta' Frar 2015 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (6026/15)

— Il-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Frar 2015 fejn il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern appellaw għal approċċ komprensiv, li jinkludi inizzjattivi rigward l-integrazzjoni soċjali, fost l-oħrajn, li huma ta' importanza kbira għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti.

— Id-Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni li ġiet adottata fil-Laqgħa informali tal-Ministri għall-Edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Pariġi fis-17 ta' Marzu 2015.

— L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (8293/15)

— L-Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 (9798/15)

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-titjib tar-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti (14419/15)

— Ir-Rapport Konġunt ET2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' Novembru 2015 (14440/1/15 REV 1)

— In-Nota mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu lill-Kunsill dwar is-"Sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Frar 2015, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI tal-20 ta' Novembru 2015, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2015" (6785/16)

— Id-Dikjarazzjoni konġunta tal-Ministri tal-UE għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u r-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-attakki terroristiċi fi Brussell tat-22 ta' Marzu 2016, li tagħmel appell għal 10 miżuri fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż li jitkompla l-iżvilupp ta' miżuri preventivi (7371/16)

— Il-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-preparazzjoni għal Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina (8128/16)

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażagħ f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażagħ (9640/16)

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ (9641/16)

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2015 (b'mod partikolari l-parti li tikkonċerna n-nondiskriminazzjoni, l-inċitament għall-mibegħda, ir-razziżmu u l-ksenofobija) (10005/16)

— Id-Dikjarazzjoni ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016

— L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda tal-Unjoni Ewropea u d-Dokument dwar l-Implimentazzjoni tal-Ġlieda kontra t-Terroriżmu: it-tieni nofs tal-2016 (11001/1/16 REV 1)

— L-ewwel rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina tat-12 ta' Ottubru 2016 (COM(2016) 670 final)

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni ta' approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażagħ biex jiġi skopert u żviluppat il-potenzjal taż-żgħażagħ**

(2016/C 467/03)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

WAQT LI JFAKKRU,

1. L-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.

JIRRIKONOXXU LI:

2. In-nisa u l-irġiel żgħażagħ għandhom potenzjal u talent ġo fihom li jista' jkun kemm ta' benefiċċju għalihom kif ukoll għas-soċjetà kollha. Il-potenzjal tan-nisa u l-irġiel żgħażagħ jista' jitqies f'termini ta' kompetenzi (għarfien, ħiliet, attitudnijiet), li jibnu fuq il-kreattività u d-diversità tagħhom.

3. Iż-żgħażagħ qed jistinkaw biex jiżviluppaw il-potenzjal, it-talenti u l-kreattività tagħhom b'rabta maċ-ċittadinanza attiva, l-iżvilupp personali u l-impjegabbiltà. Filwaqt li l-iżvilupp tat-talenti jfisser it-trasformazzjoni ta' kapaċitajiet straordinarji f'eċċellenza, l-iżvilupp tal-mezzi potenzjali jfisser l-iżvilupp ta' kwalitajiet jew kompetenzi moħbija li jistgħu jsarrfu f'suċċess jew ikunu utli fil-ġejjieni, meta wieħed iqis is-sitwazzjoni individwali ta' mara żagħżugħa jew raġel żagħżugħ.

4. Sabiex jiġu skoperti u żviluppati l-potenzjal u t-talenti taż-żgħażagħ kollha, jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw u jippromwovu l-implimentazzjoni ta' politika transettorjali effettiva li tista' tħeġġeġ u tappoġġa liż-żgħażagħ u tgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk f'sitwazzjonijiet diffiċli tal-ħajja.

5. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ qed tintuża biex jintlaħqu ż-żgħażagħ inklużi dawk li huma emarġinati jew li jinsabu f'riskju li jiġu emarġinati. Madankollu, hekk kif l-istili ta' ħajja u l-imġiba taż-żgħażagħ jinbidlu fil-kuntest ta' żviluppi soċjali u teknoloġiċi ġodda, huwa essenzjali li jkomplu jiġu żviluppati metodi u approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażagħ. Sabiex wieħed jifhem u joħloq rabta maż-żgħażagħ, il-ħidma fost iż-żgħażagħ għandha ttejjeb ukoll l-involviment tagħha fid-dinja diġitali.

JISSOTTOLINJAW LI:

6. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ issir f'diversi forom u ambjenti, u twieġeb għad-diversi ħtiġijiet, ħolm, aspirazzjonijiet u kundizzjonijiet tal-għajxien taż-żgħażagħ. Il-kapaċità ta' involviment u ta' reazzjoni għall-bidliet emerġenti twassal għal bidla kwalitattiva fil-ħajjiet taż-żgħażagħ u fis-soċjetà.

7. Il-proċessi tat-tagħlim fil-ħidma fost iż-żgħażagħ jgħinu liż-żgħażagħ jiżviluppaw il-kompetenzi tagħhom b'mod olistiku, inkluż l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ ħafna drabi tintuża biex tgħin liż-żgħażagħ jiffaċċjaw sfidi varji tal-ħajja, kemm matul it-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol, perijodi ta' qgħad, diversi theddidiet emerġenti inkluż ir-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti jew waqt li jkunu qed ifittxu li jiffurmaw identità pożittiva u sens ta' appartenenza.

8. L-ambjent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għandu jkun stimulanti, kapaċi jadatta, attraenti u reattiv għal xejriet ġodda fil-ħajja taż-żgħażagħ biex b'hekk jgħinhom jiskopru u jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom, li spiss jaf ikun moħbi u ma jkunx evidenti fil-kuntest tal-edukazzjoni formali jew f'setturi oħra. Dan l-ambjent għandu jkun post fejn jesperimentaw u jippruvaw affarijiet ġodda, fejn il-falliment ikun aċċettat u meqjus bħala parti mill-proċessi tat-tagħlim u tal-integrazzjoni soċjali.

9. L-attivitajiet żviluppati fil-ħidma fost iż-żgħażagħ urew li huma effettivi fl-iżvilupp pożittiv tal-personalitajiet taż-żgħażagħ u jeħtieġ li dawn jibqgħu jkunu appoġġati u msaħħa. L-inkoraġġiment tal-innovazzjoni fil-ħidma fost iż-żgħażagħ għandu jitqies bħala parti mir-reazzjoni għall-bidla kostanti, li għandu l-għan li jiġbed l-interess taż-żgħażagħ kollha inkluż dawk li għadhom mhux qed jieħdu sehem attiv f'attivitajiet ta' ħidma fost iż-żgħażagħ. L-innovazzjonijiet għandhom ikunu parti mill-iżvilupp kontinwu ta' kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, u li jirreaġixxu għall-ħtiġijiet, l-interessi u l-esperjenzi taż-żgħażagħ kif perċepiti miż-żgħażagħ stess [1],

(1) *Ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ* – qafas komuni għall-iżviluppi futuri tal-ħidma fost iż-żgħażagħ. Rapport mill-Grupp ta' Esperti dwar Sistemi ta' Kwalità għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ fl-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea, 2015. [Mhux disponibbli bil-Malti]

10. Sabiex ikunu attraenti għaż-żgħażagħ u jiġi żgurat impatt akbar fuq ħajjithom, fl-iżvilupp ulterjuri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' min jaħdem fost iż-żgħażagħ għandha ssir riflessjoni dwar, u għandhom jitqiesu, l-ambjenti ġodda fejn iż-żgħażagħ iqattgħu l-ħin tagħhom, bħal infrastruttura moderna tal-ibliet u l-ispazju virtwali, kif ukoll approċċi ġodda li jagħmlu użu minn għodod innovattivi online kif ukoll offline (bħal ludifikazzjoni [2], attivitajiet ibbażati fuq il-GPS [3], badges tat-tagħlim [4] u l-ħsieb proġettwali [5]).

11. Iż-żgħażagħ stess għandhom jaqdu rwol kruċjali fit-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proċess ta' innovazzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażagħ biex l-innovazzjoni tirnexxi.

12. Il-kapaċitajiet ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ (bħala voluntiera jew impjegati) jistgħu jissaħħu permezz ta' edukazzjoni, taħriġ u opportunitajiet ta' netwerking, gwida, kif ukoll appoġġ finanzjarju, sabiex ifittxu u jimplimentaw approċċi ġodda u innovattivi fil-ħidma fost iż-żgħażagħ bl-għan li jintlaħqu aktar żgħażagħ, speċjalment dawk li diffiċli jintlaħqu, u li jinkiseb impatt akbar fuq ħajjithom.

13. Il-ħolqien ta' politika dwar iż-żgħażagħ ibbażata fuq l-evidenza jeħtieġ aġġornamenti regolari, b'data aġġornata u rilevanti miġbura fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew. L-informazzjoni dwar l-istili ta' ħajja u t-tendenzi attwali [6] taż-żgħażagħ għandhom ikunu inklużi wkoll.

14. Lil hinn mill-iżvilupp tas-settur tal-ħidma fost iż-żgħażagħ innifsu, il-kooperazzjoni transsettorjali hija essenzjali għall-iżvilupp ta' approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażagħ. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-qasam tal-politika dwar iż-żgħażagħ, il-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw diversi setturi, teħtieġ li tkun iffaċilitata u promossa, sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni effettiva ta' opportunitajiet ta' kooperazzjoni [7] u li jingħata kontribut għall-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ jinqdew aħjar.

B'KONT MEĦUD TAL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ, JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

15. Jippromwovu, jappoġġaw u jevalwaw l-użu, id-disinn, l-iżvilupp, l-ittestjar u t-tixrid ta' għodod u approċċi ġodda li għandhom jintużaw fil-ħidma fost iż-żgħażagħ permezz ta' kooperazzjoni transsettorjali, sabiex dawn iwieġbu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet attwali u l-isfidi futuri, l-interessi u l-aspettattivi taż-żgħażagħ u s-soċjetà. Sabiex tkun żgurata l-kwalità, iż-żgħażagħ, ir-riċerkaturi fil-qasam taż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem attiv fl-istadji kollha tal-proċess.

16. Isaħħu l-kapaċitajiet ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ (volontarja jew impjegati) għall-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-potenzjal u t-talenti taż-żgħażagħ billi jipprovdu opportunitajiet edukattivi u ta' taħriġ li jiffokaw b'mod partikolari fuq:

    (a) l-użu u l-adozzjoni ta' approċċi innovattivi fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ;

    (b) l-inkorporazzjoni ta' informazzjoni dwar l-aħħar xejriet tal-ħajja taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni u fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ;

    (c) l-użu ta' kooperazzjoni transettorjali fit-tfassil ta' għodod u approċċi ġodda u innovattivi għall-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ;

    (d) il-metodi biex b'mod partikolari jiġu skoperti u mbagħad żviluppati l-potenzjal u t-talenti taż-żgħażagħ, li b'hekk jibnulhom l-awtostima u l-kunfidenza fihom infushom;

---

[2] *Ludifikazzjoni* tfisser l-applikazzjoni tal-mekkanika tal-logħob f'attivitajiet lil hinn mill-qasam tal-logħob biex titbiddel l-imġiba tal-persuni. Hemm eżempji ta' applikazzjonijiet li jikkalkulaw kemm il-pass persuna tagħmel kuljum, jippremjawha u jippermettulha tqabbel ma' persuni oħrajn. Diversi elementi tad-dinamiki u l-mekkaniżmi tal-logħob jistgħu jiġu implimentati u applikati wkoll fil-ħidma fost iż-żgħażagħ. (Ludifikazzjoni 101: An Introduction to the Use of Game Dynamics to Influence Behaviour, Bunchball, 2010).

[3] *Attivitajiet ibbażati fuq il-GPS* jużaw apparat elettroniku b'ippożizzjonar tal-GPS (l-aktar l-ismartphones) għal attivitajiet differenti biex jappoġġaw il-moviment fiżiku, jorjentaw f'ambjent ġdid, iwettqu kompiti differenti jew jitgħallmu aktar dwar postijiet interessanti.

[4] *Badges tat-tagħlim* huma badges virtwali fl-ispazju online li jirratifikaw il-kisbiet tal-istudenti. Xi kumpaniji jappoġġaw din l-idea, inkluż Mozilla, li ħolqot pjattaforma online msejħa Open badges. Din tmur tajjeb ħafna ma' inizjattivi dwar ir-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali fil-ħidma fost iż-żgħażagħ.

[5] Il-*ħsieb proġettwali* huwa approċċ ffukat fuq il-bniedem, kollaborattiv, ottimist u sperimentali. Dan jattira liż-żgħażagħ billi huma jsiru parti integrali mill-bidla, u fl-istess waqt ifasslu soluzzjoni ġdida wkoll. Dan jista' jintuża biex (jerġgħu) jitfasslu diversi programmi, għodod u spazji għaż-żgħażagħ. (Design Thinking for Educators Toolkit, 2012).

[6] L-informazzjoni dwar l-istili ta' ħajja, xejriet tal-ħajja taż-żgħażagħ tinkludi dettalji speċifiċi dwar iż-żgħażagħ minn perspettiva soċjoloġika, psikoloġika u pedagoġika. Tali informazzjoni għandha twieġeb mistoqsijiet bħal: X'inhuma l-interessi taż-żgħażagħ? X'inhuma l-biżgħat tagħhom? Kif jitgħallmu? Kif iqattgħuh il-ħin liberu tagħhom? Kif jinteraġixxu fuq netwerks soċjali? Kif jamministrawhom il-finanzi tagħhom?

[7] Sessjoni ta' ħidma kreattiva bl-għan li tinħoloq applikazzjoni ġdida għall-apparati mobbli, li għaliha attendew persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ u l-ispeċjalisti tal-ICT tista' sservi bħala eżempju f'dan ir-rigward.

(e) l-involviment taż-żgħażagħ bħala sors ta' informazzjoni u kompetenza esperta ta' valur, pereżempju fl-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali;

(f) li jintlaħqu ż-żgħażagħ li jinsabu f'riskju ta' marġinalizzazzjoni, bl-użu ta' approċċi innovattivi u b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-potenzjal u t-talent tagħhom.

17. Iħeġġu, fejn rilevanti, l-appoġġ sostenibbli, inkluż appoġġ finanzjarju, ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu maż-żgħażagħ u għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari fuq proġetti kollettivi u skont il-prinċipji [8] tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, sabiex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom għall-innovazzjoni.

18. Jaħdmu mill-qrib mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, kunsilli taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ u atturi oħra fil-qasam taż-żgħażagħ sabiex il-messaġġi inklużi f'dawn il-konklużjonijiet ikunu ġeneralment inkorporati fil-prattika fil-livell reġjonali u lokali.

19. Jippromwovu u jappoġġaw spazji u opportunitajiet fi sħubija mal-awtoritajiet lokali, fejn xieraq, sabiex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiltaqgħu wiċċ imb'wiċċ u jiżviluppaw inizjattivi komuni.

20. Jikkunsidraw il-ħolqien ta' spazji u opportunitajiet flessibbli għall-esperimentazzjoni, fażijiet ta' prova, fejn persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jitgħallmu jirreaġixxu għall-kundizzjonijiet u l-istili ta' ħajja li jinbidlu b'rata mgħaġġla, u jitgħallmu kif għandhom jittrattaw il-kumplessità.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX, FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ:

21. Jikkunsidraw il-ġbir u l-analiżi regolari ta' informazzjoni dwar ix-xejriet tal-ħajja taż-żgħażagħ u jappoġġaw it-tixrid tas-sejbiet lill-partijiet ikkonċernati, inkluż lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, voluntiera li jaħdmu maż-żgħażagħ, il-mexxejja taż-żgħażagħ u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ.

22. Ifittxu approċċi innovattivi implimentati fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, inkluż oqsma rilevanti oħra, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-isports u l-kultura, is-servizzi soċjali, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, eċċ. u joħolqu opportunitajiet biex jadattaw l-approċċi innovattivi użati f'oqsma ta' politika oħrajn għall-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, kif ukoll biex jiskambjaw eżempji ta' prattika tajba.

23. Fejn hu xieraq, jidentifikaw il-kompetenzi l-ġodda li jeħtieġu l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u jiżviluppaw moduli tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jiffaċilitaw il-kisba ta' kompetenzi ġodda, inkluż kompetenzi diġitali għal dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ.

24. Permezz tal-ħolqien, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki taż-żgħażagħ, l-istrateġiji għaż-żgħażagħ u l-inizjattivi taż-żgħażagħ fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, jidentifikaw approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażagħ li jgħinu biex jiġu skoperti u żviluppati l-potenzjal u t-talent taż-żgħażagħ kollha.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

25. Tagħmel analiżi regolari u ddaħħal taqsima fir-Rapport dwar iż-Żgħażagħ li tipprovdi informazzjoni aġġornata u preċiża dwar l-aħħar xejriet u stili ta' ħajja taż-żgħażagħ.

26. Tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni dwar ix-xejriet u l-istili ta' ħajja taż-żgħażagħ, kif ukoll eżempji ta' prattika tajba u approċċi innovattivi implimentati fil-ħidma maż-żgħażagħ fil-livell tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll barra l-UE. Torganizza laqgħat ta' esperti, konferenzi u attivitajiet oħra ta' tagħlim reċiproku u tikkunsidra l-użu ta' pjattaformi bħall-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażagħ sabiex tippromwovi metodi innovattivi fil-ħidma fost iż-żgħażagħ.

27. Tagħmel l-aħjar użu mill-programmi eżistenti tal-UE bħal Erasmus+ biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' approċċi innovattivi fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ.

---

[8] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

*ANNESS*

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill ifakkar b'mod partikolari f'dan li ġej:

— Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni 'Ewropa 2020' ([1]) kif approvata mill-Kunsill Ewropew u l-inizjattivi ewlenin 'Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi' ([2]), 'Unjoni tal-Innovazzjoni' ([3]), u 'Aġenda Diġitali għall-Ewropea' ([4]).

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażagħ f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażagħ ([5]).

— Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2015, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ għall-2016-2018 ([6]).

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2015 dwar it-tisħiħ tal-politika ta' kooperazzjoni transettorjali biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi soċjoekonomiċi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażagħ ([7]).

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ ([8]).

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2013 dwar it-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni, jew taħriġ ([9]).

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2013 dwar il-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ għall-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ ([10]).

— Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([11]).

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2012 dwar it-tisħiħ tal-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażagħ ([12]).

— Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010, dwar il-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ ([13]).

— Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010, dwar l-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ: ġlieda kontra l-qgħad u l-faqar ([14]).

— Studji u Dikjarazzjonijiet:

  — Ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (mill-2010 sal-2018) ([15]).

  — Ir-Rapport mill-Grupp ta' Esperti dwar Sistemi ta' Kwalità għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ fl-Istati Membri tal-UE (2015).

  — Id-Dikjarazzjoni tat-Tieni Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażagħ (2015) ([16]).

([1]) 7110/10
([2]) 17066/10
([3]) 14035/10
([4]) 9981/10/REV 1
([5]) 9640/16
([6]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 1.
([7]) ĠU C 172, 27.5.2015, p. 3.
([8]) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 18.
([9]) ĠU C 30, 1.2.2014, p. 5.
([10]) ĠU C 168, 14.6.2013, p. 5.
([11]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
([12]) ĠU C 169, 15.6.2012, p. 1.
([13]) ĠU C 327, 4.12.2010, p. 1.
([14]) ĠU C 137, 27.5.2010, p. 1.
([15]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 17.
([16]) http://pjp-eu.coe.int/documents/1017981/8529155/The+2nd+European+Youth+Work+Declaration_FINAL.pdf/cc602b1d-6efc-46d9-80ec-5ca57c35eb85

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija bl-isport**

(2016/C 467/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JFAKKAR fl-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif imniżżel fl-Anness.

2. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-isport huwa għodda possibbli biex jiġu appoġġati l-kooperazzjoni u l-fehim interkulturali, ekonomiku u politiku bejn in-nazzjonijiet u l-kulturi, u li l-potenzjal tiegħu jista' jkun parti mill-estensjoni u t-tisħiħ tal-kuntatti bejn l-UE u l-pajjiżi terzi;

3. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

   — Id-diplomazija bl-isport tista' tinftiehem bħala l-użu tal-isport bħala mezz biex jiġu influwenzati relazzjonijiet diplomatiċi, interkulturali, soċjali, ekonomiċi u politiċi. Hija parti inseparabbli mid-diplomazija pubblika, li hija proċess fuq perjodu twil ta' komunikazzjoni mal-pubbliku u organizzazzjonijiet li għandhom għanijiet bħal li jżidu l-attrazzjoni u jtejbu l-istampa ta' pajjiż, reġjun jew belt u jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet f'oqsma ta' politika. Hija tgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika barranija b'mod li jkun viżibbli u komprensibbli għall-pubbliku ġenerali.

   — Id-diplomazija bl-isport fil-livell tal-UE tiġbor fiha l-għodod rilevanti kollha mill-qasam tal-isport li jintużaw mill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jikkooperaw ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u organizzazzjonijiet governattivi internazzjonali. Dawn għandhom jiffukaw fuq il-kooperazzjoni politika u l-appoġġ għall-politiki, il-proġetti u l-programmi. Għandha ssir enfasi fuq ir-rwol tal-isport fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni inkluż il-promozzjoni ta' valuri Ewropej.

4. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li d-diplomazija bl-isport tista' ssir b'kooperazzjoni mill-qrib mal-moviment tal-isport filwaqt li tiġi rrispettata l-awtonomija tiegħu. Hija tinkludi oqsma bħall-promozzjoni ta' valuri sportivi pożittivi u tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi.

5. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-valuri li jista' jippromwovi l-isport bħall-kompetizzjoni ġusta, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-diversità, l-integrità, id-dixxiplina, l-eċċellenza, il-ħbiberija, it-tolleranza u l-fehim reċiproku li jistgħu jlaqqgħu flimkien nies u pajjiżi differenti. Id-diplomazija bl-isport tuża l-universalità tal-isport bħala mezz biex tisboq id-differenzi lingwistiċi, soċjokulturali u reliġjużi u b'hekk għandha potenzjal b'saħħtu li tippromwovi d-djalogu multikulturali u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-paċi.

6. FILWAQT LI JENFASIZZA li persuni sportivi u avvenimenti sportivi jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tad-diplomazija bl-isport. Huma jistgħu jagħtu stampa pożittiva fost il-pubbliku u organizzazzjonijiet barranin u jsawru l-perċezzjoni sabiex ikun hemm appoġġ biex jintlaħqu għanijiet ta' politika barranija b'firxa usa'. F'dan il-kuntest l-isport jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-ikkomplementar tad-diplomazija nazzjonali u tal-UE.

7. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-isport jista' jkun pjattaforma biex jinbnew relazzjonijiet bejn il-popli, pereżempju billi jiġu appoġġati programmi ta' skambju għall-atleti, iż-żgħażagħ, il-kowċis u l-esperti, jew billi jiġu organizzati kompetizzjonijiet sportivi internazzjonali kemm fil-livell professjonali kif ukoll f'dak għad-dilettanti.

BIR-RISPETT DOVUT GĦALL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'KONT MEĦUD TAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

8. Iqajmu kuxjenza fost l-Istati Membri u fil-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (inkluż id-Delegazzjonijiet tal-UE) dwar il-potenzjal tal-isport biex jikkontribwixxi għad-diplomazija pubblika;

9. Jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-moviment tal-isport sabiex jintuża l-potenzjal tal-isport fil-politika barranija;

10. Itejbu r-relazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet sportivi u l-organizzazzjonijiet governattivi internazzjonali rilevanti kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra permezz tad-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport fil-qafas tal-laqgħat tal-Kunsill u l-Forum tal-UE dwar l-Isport u strutturi oħra;

11. Jużaw aħjar il-potenzjal tal-isport, inkluż permezz tal-edukazzjoni u l-involviment ta' atleti magħrufa tajjeb bħala messaġġiera, biex jippromwovu valuri sportivi pożittivi u l-valuri Ewropej;

12. Jippromwovu avvenimenti sportivi ewlenin bħala aspett importanti tad-diplomazija interkulturali, soċjali u ekonomika tal-UE f'każijiet fejn jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi ekonomiċi tal-UE tat-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività;

13. Jiżguraw li d-diplomazija bl-isport tibqa' fuq l-aġenda politika tal-UE;

14. Jeżaminaw il-possibbiltà li tintuża n-netwerk ta' Ambaxxaturi għall-Ġimgħa Ewropea tal-Isport biex jippromwovu valuri pożittivi sportivi u valuri Ewropej bil-għan li jiżdiedu l-attrazzjoni, ir-rikonoxximent u l-viżibbiltà tal-UE f'pajjiżi terzi;

15. Jappoġġaw u jipparteċipaw f'attivitajiet, bħal konferenzi, seminars, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari jew gruppi ad hoc informali, li jistgħu jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-approċċ strateġiku lejn id-diplomazija bl-isport fil-qafas tal-UE.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

16. Tiżgura li l-isport, u l-kontribut li jista' jagħti biex jinkisbu l-ambizzjonijiet tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, jitqies fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-qafas tal-ftehimiet dwar l-Adeżjoni, l-Assoċjazzjoni, il-Kooperazzjoni u l-Viċinat Ewropew;

17. Tiġbor u xxerred evidenza empirika tal-effettività tal-isport bħala mezz għall-promozzjoni tal-valuri, id-djalogu interkulturali, l-iżvilupp u l-paċi;

18. Torganizza konferenza ta' livell għoli biex tiddiskuti l-possibbiltajiet tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-diplomazija bl-isport, inkluż fuq pjattaforma jew netwerk possibbli biex jitjieb l-għarfien fil-qasam tad-diplomazija bl-isport, b'mod partikolari permezz tal-ġbir u l-iskambju tal-aħjar prattiki marbutin mar-rwol tad-diplomazija bl-isport fis-soċjetà; u teżamina l-possibbiltà li tithejja gwida jew moduli edukattivi għall-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti involuti fi kwistjonijiet tad-diplomazija bl-isport;

19. Teżamina l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati attivitajiet relatati mal-isport minn programmi ta' finanzjament tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE u tikkunsidra l-appoġġ għal proġetti relatati mad-diplomazija bl-isport bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-UE fil-qasam tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE kif ukoll permezz tal-programm Erasmus+;

20. Tikkunsidra l-involviment ta' pajjiżi terzi fil-Ġimgħa Ewropea tal-Isport.

*ANNESS*

Permezz tal-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill ifakkar b'mod partikolari f'dan li ġej:

— l-Artikolu 165(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE): l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-edukazzjoni u l-isport, partikolarment il-Kunsill tal-Ewropa;

— il-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Isport (2007) li tenfasizza li r-rwol tal-isport fis-soċjetà għandu wkoll il-potenzjal li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ([1]);

— il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea tal-Isport", li enfasizzat li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi Ewropej, b'mod partikolari pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, u mal-Kunsill tal-Ewropa għandha tkun prijorità ([2]);

— ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar id-Diplomazija bl-Isport stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea (2016).

([1]) Dok. 11811/07 + ADD 1-4.
([2]) Dok. 5597/11 + ADD 1-3.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

## L-14 ta' Diċembru 2016

(2016/C 467/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0644 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3961 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 122,39 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,2561 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4359 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,4741 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83963 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5157 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,7553 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 241,10 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0747 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,5508 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,3499 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,0223 | HRK | Kuna Kroata | 7,5405 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 143,75 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,023 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7303 |
| HUF | Forint Ungeriż | 314,89 | PHP | Peso Filippin | 52,918 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,4402 | RUB | Rouble Russu | 65,1386 |
| RON | Leu Rumen | 4,5153 | THB | Baht Tajlandiż | 37,882 |
| TRY | Lira Turka | 3,7125 | BRL | Real Brażiljan | 3,5242 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4177 | MXN | Peso Messikan | 21,5666 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 71,8245 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Diċembru 2016

## dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

(2016/C 467/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bosnja-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra ("l-SAA") ġie ffirmat fis-16 ta' Ġunju 2008 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015 ([1]).

(2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.

(3) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-2012 dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, jinħtieġ li l-adeżjoni tal-Kroazja mal-SAA tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' Protokoll mal-SAA mill-Kunsill li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiż terz ikkonċernat.

(4) Fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Bożnija-Ħerzegovina sabiex tikkonkludi protokoll mal-SAA.

(5) Dawn in-negozjati tlestew b'suċċess u l-Protokoll Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") ġie inizjalat fit-18 ta' Lulju 2016.

(6) Il-Protokoll ikopri kwistjonijiet li jaqgħu taħt kompetenzi tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(7) Jinħtieġ li l-Protokoll jiġi konkluż mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fejn jidħlu kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(8) Fil-21 ta' Novembru 2016, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni tal-Protokoll mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([2]).

(9) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(10) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal- Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea hi b'dan approvata.

It-test tal-Protokoll hu mehmuż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill fuq l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll ([2]).

---

([1]) ĠU L 164, 30.6.2015, p. 2.
([2]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

Il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir hu b'dan awtorizzat li jiffirma l-Protokoll, u jiddepożita n-notifika prevista fl-Artikolu 7 tal-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Johannes HAHN

*Membru tal-Kummissjoni*

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦAL PROPOSTI EACEA/41/2016

**taħt il-programm Erasmus+**

**Azzjoni Ewlenija 3: Appoġġ għar-riforma tal-politika — Inizjattivi għall-innovazzjoni tal-politika**

**Proġetti ta' Kooperazzjoni Ewropej Li Jħarsu 'L Quddiem fl-oqsma tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ**

(2016/C 467/07)

### 1. Deskrizzjoni, Objettivi, u Prijoritajiet

Proġetti ta' Kooperazzjoni Progressivi (FLCPs) huma proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali li għandhom l-għan li jidentifikaw, jittestjaw, jiżviluppaw jew jivvalutaw approċċi innovattivi tal-politika li għandhom il-potenzjal li jiġu integrati u jagħtu input għat-titjib fis-sistemi edukattivi u tat-taħriġ. Jenħtieġ li jipprovdu għarfien profond dwar il-grupp(i) fil-mira, sitwazzjonijiet tat-tagħlim jew tat-taħriġ u metodoloġiji u għodda effettivi li jgħinu fl-iżvilupp tal-politiki, kif ukoll konklużjonijiet rilevanti għal dawk li jfasslu l-politika fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha.

Għaldaqstant jenħtieġ li l-FLCPs jitmexxew u jiġu implimentati minn partijiet interessati ewlenin b'rekord ippruvat ta' eċċellenza u għarfien tal-ogħla livell, li għandhom il-kapaċità li jinnovaw jew jilħqu impatt sistemiku permezz tal-attivitajiet tagħhom u l-potenzjal li jixprunaw l-aġenda politika fl-oqsma edukattivi u tat-taħriġ.

Proposti taħt din is-sejħa jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-prijoritajiet ġodda għal kooperazzjoni Ewropea stabbiliti fir-*Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)* ([1]).

L-objettivi speċifiċi ta' din is-sejħa huma:

— li jagħtu bidu għal bidliet fit-tul u soluzzjonijiet innovattivi ttestjati fuq il-post għal sfidi fl-oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ li għandhom il-potenzjal li jiġu integrati u li jiġġeneraw impatt sostenibbli u sistemiku fuq is-sistemi edukattivi u tat-taħriġ;

— li jappoġġaw il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-għarfien reċiproku fi kwistjonijiet progressivi fost il-partijiet interessati ewlenin;

— li jiffaċilitaw il-ġbir u l-analiżi tal-evidenza biex jissostanzjaw politiki u prattiki innovatttivi.

Il-proposti sottomessi taħt din is-sejħa għandhom jindirizzaw waħda mill-ħames prijoritajiet elenkati hawn taħt:

— L-akwiżizzjoni ta' ħiliet bażiċi minn adulti b'ħiliet baxxi;

— Il-promozzjoni ta' approċċi bbażati fuq il-prestazzjoni f'ETV;

— Il-promozzjoni ta' teknoloġija innovattiva fil-qasam tal-għoti ta' gwida għall-karriera;

— Il-professjonalizzazzjoni tal-persunal (edukazzjoni fl-iskejjel, li tinkludi edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal);

— L-ilħuq tal-miri tal-istrateġija tal-UE mġedda għal edukazzjoni għolja.

Il-proposti li ma jindirizzaw l-ebda waħda mill-ħames prijoritajiet tas-sejħa mhumiex se jiġu kkunsidrati.

([1]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25.

## 2. **Applikanti eliġibbli**

It-terminu "applikanti" jirreferi għall-organizzazzjoni u l-istituzzjonijiet kollha li jipparteċipaw f'applikazzjoni irrispettivament mir-rwol tagħhom fil-proġett.

L-applikanti eleġibbli huma organizzazzjonijiet pubbliċi u privati attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jew setturi oħra bħal tagħlim mhux formali, li jinkludi fost oħrajn, iż-żgħażagħ, setturi soċjoekonomiċi oħra, u/jew organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet transsettorjali.

L-applikanti meqjusin eliġibbli biex iwieġbu għal din is-sejħa huma:

— awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali/reġjonali/lokali responsabbli għal politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ;

— organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ (NGOs), privati jew pubbliċi;

— ċentri tar-riċerka;

— skejjel jew istituzzjonijiet edukattivi oħrajn;

— istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja;

— kmamar tal-kummerċ;

— netwerks tal-partijiet ikkonċernati;

— ċentri ta' rikonoxximent;

— korpi tal-valutazzjoni/garanzija tal-kwalità;

— organizzazzjonijiet tal-kummerċ u impjegaturi;

— trade unions u assoċjazzjonijiet tal-persunal;

— servizzi ta' gwida għall-karriera;

— organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u kulturali;

— kumpaniji;

— organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-applikazzjonijiet mill-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-pajjiżi tal-programm li ġejjin biss huma eliġibbli:

— it-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

— il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE: l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja;

— il-pajjiżi kandidati tal-UE: l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija.

Ir-rekwiżit minimu tal-kompożizzjoni tas-sħubija għal din is-sejħa huwa ta' 3 organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw 3 pajjiżi tal-programm.

## 3. **Attivitajiet Eliġibbli u d-Durata tal-Proġett**

L-attivitajiet għandhom jibdew fl-1 ta' Novembru 2017, l-1 ta' Diċembru 2017 jew fl-1 ta' Jannar 2018.

Id-durata tal-proġett għandha tkun ta' bejn 24 u 36 xahar. Madankollu, jekk wara l-iffirmar tal-ftehim u l-bidu tal-proġett, għal raġunijiet kompletament iġġustifikati li mhumiex fil-kontroll tagħhom, isir impossibbli għall-benefiċjarji li jtemmu l-proġett fi żmien il-perjodu skedat, tista' tingħata estensjoni għall-perjodu ta' eliġibbiltà. Tingħata estensjoni massima ta' 6 xhur oħra, jekk it-talba ssir qabel id-data ta' skadenza speċifikata fil-ftehim ta' għotja.

L-attivitajiet li sejrin jiġu ffinanzjati taħt din is-sejħa jistgħu jinkludu (lista mhux eżawrjenti):

— Analiżi, studji, eżerċizzji ta' mmappjar;

— Attivitajiet ta' riċerka;

— Attivitajiet ta' taħriġ;

— Abbozzar ta' rapporti, konklużjonijiet ta' proġetti, rakkomandazzjonijiet ta' politika;

— Sessjonijiet ta' ħidma;

— Konferenzi/seminars;

— Testijiet u valutazzjonijiet ta' approċċi innovattivi fil-livell bażiku;

— Sensibilizzazzjoni u azzjonijiet ta' tixrid;

— Attivitajiet immirati lejn il-ħolqien u t-titjib ta' netwerks, l-iskambju ta' prattika tajba;

— Żvilupp ta' għodod tal-ICT (softwer, pjattaformi, applikazzjonijiet, eċċ.) jew riżorsi ta' tagħlim;

— Żvilupp ta' outputs intelletwali.

4. **Kriterji tal-Għoti**

L-applikazzjonijiet eliġibbli se jiġu vvalutati abbażi l-esklużjoni, l-għażla u l-kriterji tal-għoti ([1]).

Il-kriterji tal-għoti huma li ġejjin:

1. Ir-rilevanza tal-proġett (30 %)

2. Il-kwalità tat-tfassil tal-proġett u l-implimentazzjoni (30 %)

3. Il-kwalità tas-sħubija u l-arranġamenti ta' kooperazzjoni (20 %)

4. L-impatt fuq l-iżvilupp tal-politika u t-tixrid (20 %)

Il-proposti li jkunu ssodisfaw il-limiti ta' kwalità minimi biss:

— tal-inqas limitu ta' 50 % għal kull kriterju (jiġifieri minimu ta' 15-il punt għal "Rilevanza tal-proġett" u "Kwalità tat-tfassil tal-proġett u l-implimentazzjoni" rispettivament; 10 punti għal "Kwalità tas-sħubija u arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "Impatt fuq l-iżvilupp tal-politika u t-tixrid" rispettivament; u

— tal-inqas limitu ta' 70 % fuq il-punteġġ totali (jiġifieri punteġġ aggregat tal-4 kriterji tal-għoti)

se jiġu kkunsidrati għall-finanzjament tal-UE. L-applikazzjonijiet li jinżlu taħt dawk il-limiti jiġu miċħuda.

5. **Baġit**

Il-baġit totali disponibbli għall-kofinanzjament tal-proġetti taħt is-sejħa preżenti huwa ta' EUR 8 000 000.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE ma tistax taqbeż il-75 % tal-kostijiet totali tal-proġetti eliġibbli.

L-għotja massima għal kull proġett hija ta' EUR 500 000.

L-Aġenżija tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli għal din is-sejħa.

6. **Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard **mill-14 ta' Marzu 2017 — 12.00 nofsinhar CET**.

L-applikanti huma mitluba jaqraw sew l-informazzjoni kollha dwar is-sejħa għal proposti, il-proċedura ta' sottomissjoni u jużaw id-dokumenti li jiffurmaw parti mill-applikazzjoni (Pakkett tal-Applikazzjoni) fuq: https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/forward-looking-cooperation-projects-2017-eacea412016_en

Il-formola tal-applikazzjoni hija disponibbli fuq l-Internet fl-indirizz li ġej: https://eacea.ec.europa.eu/PPMT/

Il-Pakkett tal-Applikazzjoni sħiħ għandu jiġi sottomess online permezz tas-sottomissjoni ta' formola elettronika korretta, jimtela kif suppost u jkun fih l-annessi u d-dokumenti ta' appoġġ rilevanti u applikabbli kollha.

Il-formoli tal-applikazzjoni li ma jinkludux l-informazzjoni meħtieġa kollha u li ma jiġux sottomessi online sad-data ta' skadenza mhumiex se jiġu kkunsidrati.

7. **Aktar informazzjoni**

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għal-Linji Gwida għall-Applikanti.

Il-Linji Gwida għall-Applikanti u l-Pakkett tal-Applikazzjoni huma disponibbli fuq is-sit web li ġej: https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/forward-looking-cooperation-projects-2017-eacea412016_en

Dettalji ta' kuntatt tal-posta elettronika: EACEA-Policy-Support@ec.europa.eu

([1]) Ara l-Linji gwida għall-Applikanti taqsimiet 7, 8 u 9.

# L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

## AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

(2016/C 467/08)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza l-kompetizzjoni ġenerali li ġejja:

EPSO/AST/139/16 — ASSISTENTI (AST 3)

1. FINANZI

2. RIŻORSI UMANI

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat f'24 lingwa f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 467 A* tal-15 ta' Diċembru 2016.

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-EPSO: http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# QORTI TAL-EFTA

**SENTENZA TAL-QORTI**

**tat-2 ta' Ottubru 2015**

**fil-Kawża E-7/15**

**Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA *vs* ir-Renju tan-Norveġja**

*(Nuqqas minn Stat tal-EFTA li jissodisfa l-obbligi tiegħu — Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa — Valuri ta' limitu għal ċerti inkwinanti fl-arja — Pjan tal-kwalità tal-arja)*

(2016/C 467/09)

Fil-Kawża E-7/15, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA *vs.* Ir-Renju tan-Norveġja — APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li r-Renju tan-Norveġja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Att li jsir referenza għalih fil-punt 14c tal-Anness XX tal-Ftehmin taż-Zona Ekonomika Ewropea (Direttiva 208/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa) billi qabeż il-limitu ta' diossidu tal-kubrit ($SO_2$), materja partikolata ($PM_{10}$) u diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) fl-arja ambjentali f' ċertu żoni tan-Norveġja, skont il-każ, bejn is-snin 2008 u 2012 u billi naqas milli jkun konformi mal-obbligazzjoni ta' pjan tal-kwalità tal-arja stipulata fih, il-Qorti, magħmula minn Carl Baudenbacher, President, (Imħallef Relatur), Per Christiansen u Páll Hreinsson, Imħallfin, tat is-sentenza fit-2 ta' Ottubru 2015, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

Il-Qorti b'dan:

1. Tiddikjara li:

   (i) billi qabeż il-limitu ta' diossidu tal-kubrit ($SO_2$), u materja partikolata ($PM_{10}$) fl-arja ambjentali fis-snin 2009 sa 2012, skont il-każ, fiż-żoni NO3, NO4 u NO6 li ssir referenza għalihom fl-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 1999/30/KE, issal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50/KE;

   (ii) billi qabeż il-limitu tad-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) fl-arja ambjentali fis-snin 2010 sa 2012, skont il-każ, fiż-żoni NO1, NO3 u NO5 li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 1999/30/KE, issal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50/KE; u

   (iii) billi naqas milli jikkonforma mal-obbligazzjoni tal-pjan tal-kwalità tal-arja stipulata fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62/KE, issal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50/KE, skont il-każ, fir-rigward ta' żoni NO1, NO2, NO3, NO4 u NO5,

   ir-Renju tan-Norveġja naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu li jirriżultaw milll-Att li għalih issir referenza f'punt 14c tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa).

2. Tordna lin-Norveġja tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.

**SENTENZA TAL-QORTI**

**tas-27 ta' Ottubru 2015**

**fil-Kawża E-10/15**

**L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA *vs* l-Iżlanda**

*(Nuqqas ta' Stat EEA/EFTA li jwettaq l-obbligi tiegħu — Nuqqas li jimplimenta — id-Direttiva 2009/126/KE dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz)*

(2016/C 467/10)

Fil-Kawża E-10/15, l-Awtorità ta' Sorveljanza vs l-Iżlanda — APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi fil-punt 21au tal-Kapitlu III tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2009/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz) kif adattata għall-Ftehim skont il-Protokoll 1 tiegħu, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi naqset milli tadotta l-miżuri kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Att fiż-żmien preskritt, il-Qorti, komposta minn Carl Baudenbacher, President, Per Christiansen (Imħallef-Relatur) u Páll Hreinsson, Imħallfin, tat sentenza fis-27 ta' Ottubru 2015, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

Il-Qorti b'dan:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi fil-punt 21au tal-Kapitlu III tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2009/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz) kif adattata għall-Ftehim skont il-Protokoll 1 tiegħu, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi naqset milli tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Att fiż-żmien preskritt.

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.

**SENTENZA TAL-QORTI**

**tas-27 ta' Ottubru 2015**

**fil-Kawża E-11/15**

**L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA vs l-Iżlanda**

*(Nuqqas ta' Stat EEA/EFTA li jwettaq l-obbligi tiegħu — Nuqqas li jimplimenta — id-Direttiva 2011/83/UE dwar id-drittijiet tal-konsumatur)*

(2016/C 467/11)

Fil-Kawża E-11/15, l-Awtorità ta' Sorveljanza vs l-Iżlanda — APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi fil-punti 7a, 7e u 7i tal-Anness XIX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jhassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) kif adattata għall-Ftehim skont il-Protokoll 1 tiegħu, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi naqset milli tadotta l-miżuri kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Att fiż-żmien preskritt, il-Qorti, komposta minn Carl Baudenbacher, President, Per Christiansen (Imħallef-Relatur) u Páll Hreinsson, Imħallfin, tat sentenza fis-27 ta' Ottubru 2015, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

Il-Qorti b'dan:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi skont l-Att imsemmi fil-punti 7a, 7e u 7i tal-Anness XIX tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), kif adattata għall-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi naqset li tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Att fi ħdan iż-żmien stabbilit.
2. Tordna lill-Iżlanda tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.

**Azzjoni mressqa fl-20 ta' Settembru 2016 minn Marine Harvest ASA kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA**

**(Kawża E-12/16)**

(2016/C 467/12)

Azzjoni kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tressqet quddiem il-Qorti tal-EFTA fl-20 ta' Settembru 2016 minn Marine Harvest ASA, irrappreżentata minn Torben foss, l-Avukat u Kjetil Raknerud, avukat, Advokatfirmaet PricewaterhouseCoopers AS, sandviksbodene 2 A, PO Box 3984 Sandviken, NO-5835 Bergen.

L-applikant jitlob lill-Qorti tal-EFTA tiddikjara li:

1. Id-Deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA fil-Kawża Nru 79116 mis-27 ta' Lulju 2016 hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata ta' sorsi tal-liġi relevanti u, konsegwentement, nulli.
2. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA m'għandhiex il-kompetenza u l-obbligu li twettaq sorveljanza tal-għajnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd, skont l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll 9 tal-Ftehim ŻEE, u għalhekk hija obbligata li tevalwa t-talbiet magħmula mill-applikant permezz ta' ilment formali fit-2 ta' Mejju 2016.
3. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTAgħandha ġġarrab l-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti.

*L-isfond legali u fattwali u l-eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:*

— L-Applikant ifittex l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA fil-Kawża Nru 79116 mis-27 ta' Lulju 2016.

— Marine Harvest issostni li l-ESA għandha l-kompetenza meħtieġa sabiex tevalwa jekk għajnuna għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura hijiex kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE, u biex twettaq sorveljanza, skont l-Artikolu 62 taż-ŻEE, ara l-Protokoll 26 tal-Ftehim taż-ŻEE, u wara li l-ESA tkun obbligata twettaq tali sorveljanza skont l-istess artikolu.

— Element essenzjali huwa l-interpretazzjoni tal-Protokoll 26 tal-Ftehim, li jistabbilixxi l-kompetenzi tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, iżda ma jirreferix b'mod speċifiku għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura. Skont id-deċiżjoni tal-ESA, il-lista msemmija qabel għandha tiġi kkunsidrata bħala eżawrjenti.

— Skont l-applikant din l-interpretazzjoni żżid kwalifika mal-Protokoll 26 li mhijiex konformi mal-għanijiet u d-dispożizzjonijiet essenzjali tal-Ftehim, li jelenka l-Protokoll innifsu.

**Azzjoni mressqa fis-26 ta' Settembru 2016 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda**

**(Kawża E-13/16)**

(2016/C 467/13)

Fis-26 ta' Settembru 2016 tressqet azzjoni quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Audur Ýr Steinarsdóttir u Øyvind Bø, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-Att imsemmi fil-punt 17h tal-Kapitolu II tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (*id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fil-Komunità*) billi ma tintroduċix ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt meħtieġ mill-Artikolu 3(1) tal-Att.

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti.

*L-isfond legali u fattwali u l-eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:*

— L-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Iżlanda milli tikkonforma, mhux aktar tard mis-16 ta' Settembru 2014, b'opinjoni motivata mogħtija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fis-16 ta' Lulju 2014 dwar in-nuqqas tal-Istat li jissodisfa l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mill-Att imsemmi fil-punt 17h tal-Kapitolu II tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (*id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fil-Komunità*) billi ma tintroduċix ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt meħtieġ mill-Artikolu 3(1) tal-Att.

**Każ imressaq fis-26 ta' Settembru 2016 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda**

**(Kawża E-14/16)**

(2016/C 467/14)

Fis-26 ta' Settembru 2016 tressaq każ quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Audur Ýr Steinarsdóttir u Øyvind Bø, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi fil-punt 17d tal-Kapitolu II tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (*id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq*), kif adattat għall-Ftehim skont il-Protokoll 1 tiegħu, billi

   i. naqset milli tiżgura li proporzjon rappreżentattiv ta' konsenji ta' merkanzija perikoluza li jinġarru fit-triq ikunu suġġetti għal kontrolli, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(1);

   ii. naqset milli tuża l-lista ta' verifika fl-Anness I tad-Direttiva meta twettaq dawn il-kontrolli, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(1);

   iii. naqset milli tiżgura li l-kontrolli skont id-Direttiva huma aleatorji u li, sa fejn ikun possibbli, ikopru porzjon estensiv tan-netwerk tat-toroq, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(2);

   iv. naqset milli tiżgura li l-postijiet magħżula għall-verifiki jippermettu li vetturi li jkunu qegħdin jiksru l-liġijiet jinġiebu f'konformità magħhom jew, jekk l-awtorità li tkun qed tagħmel il-verifika taħseb li jkun aħjar, li dawn jiġu mmobilizzati fuq il-post jew f'post maħsub għal dan l-għan mill-istess awtorità mingħajr ma jikkawżaw periklu għas-sigurtà, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(3);

   v. ma żguratx, fejn ikun xieraq, u fejn dan ma jkunx joħloq periklu għas-sigurtà, kampjuni tal-merkanzija li tkun qedha tinġarr jistgħu jittieħdu biex jiġu eżaminati f'laboratorji li jkunu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(4);

   vi. naqset milli tiżgura li l-kontrolli ma jaqbżux perjodu ta' żmien raġonevoli, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(5);

   vii. naqset milli tiżgura li vetturi li fir-rigward tagħhom jiġi stabbilit ksur wieħed jew aktar tar-regoli dwar it-trasport ta' prodotti perikolużi, jistgħu jiġu mmobilizzati fuq il-post jew f'post maħsub għal dan l-għan mill-awtorità li tkun qedha tagħmel il-verifika u jkunu mitluba li jinġiebu f'konformità qabel ma jkomplu l-vjaġġ tagħhom jew li jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri oħra xierqa, skont iċ-ċirkustanzi jew ir-rekwiżiti ta' sigurtà, kif meħtieġ mill-Artikolu 5;

   viii. naqset milli tiżgura li jistgħu jitwettqu wkoll verifiki fuq il-post tal-impriżi, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(1); kif ukoll

   ix. naqset milli tibgħat rapport annwali lill-ESA kif meħtieġ mill-Artikolu 9(1).

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti.

*L-isfond legali u fattwali u l-eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:*

— L-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Iżlanda milli tikkonforma, mhux aktar tard mis-16 ta' Novembru 2015, b'opinjoni motivata mwassla mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fis-16 ta' Settembru 2015 rigward in-nuqqas tal-Istat li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Att imsemmi fil-punt 17d tal-Kapitolu II tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (*id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq*), kif adattat għall-Ftehim skont il-Protokoll 1 tiegħu.

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Il-Każ M.8204 — Barloworld South Africa/BayWa/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 467/15)

1. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) permezz tagħha l-impriżi Barloworld South Africa Proprietary Limited ("Barloworld", l-Afrika t'Isfel) u BayWa Aktiengesellschaft ("BayWa", il-Ġermanja) jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tan-negozju ta' mekkanizzazzjoni agrikola u movimentazzjoni tal-materjali fl-Afrika t'Isfel permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal BayWa: kummerċ fir-riżorsi agrikoli bħalma huma żrieragħ, fertilizzanti u protezzjoni tal-ħxejjex u tagħmir tal-makkinarju agrikolu. BayWa tiddistribwixxi tagħmir agrikolu fl-Awstrija, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi. BayWa hija attiva wkoll fis-settur tal-materjali tal-bini u l-enerġija, bħalma hija l-enerġija rinnovabbli, fl-Awstrija u l-Ġermanja.

— għal Barloworld: distribuzzjoni ta' marki tad-ditta internazzjonali ewlenin f'dak li huwa tagħmir u servizzi ta' movimentazzjoni (tħammil, sistemi ta' enerġija, movimentazzjoni ta' materjali u tagħmir agrikolu) u fis-servizzi u l-loġistika tal-karozzi (servizzi ta' flotta tal-karozzi għall-kiri, imħażen, eċċ.).

— Il-joint venture se tinkorpora n-negozju tal-mekkanizzazzjoni agrikola u tal-movimentazzjoni tal-materjali ta' Barloworld fl-Afrika t'Isfel u se tkun ikkontrollata b'mod konġunt minn Barloworl u BayWa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibgħatulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8204 — Barloworld South Africa/BayWa/JV, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8325 — KKR/Hilding Anders)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 467/16)

1. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża KKR & Co. L.P. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolanent dwar l-Ghaqdiet il-kontroll ta' Hilding Anders Holdings 3 AB kollha kemm hi ("Hilding Anders", l-Iżvezja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal KKR: ġestjoni ta' assi fuq bażi dinjija u għoti ta' servizzi ta' konsulenza finanzjarja,

— għal Hilding Anders: żvilupp, manifattura u kummerċjalizzazzjoni ta' sodod, saqqijiet u prodotti relatati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2], ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8325 — KKR/Hilding Anders, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT